**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 487/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Grech**

Illum, 19 ta' Ottubru 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Joseph Grech, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 156363(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-28 ta' Marzu 2012 għall-ħabta tal-16:20pm u ġranet qabel ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, Raħal Ġdid:

i) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-uzu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii) Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bħala persuna li mhux uffiċjal tal-ħabs jew persuna oħra mpjegata fil-ħabs, mingħajr l-awtorita' leġittima, daħħal jew ipprova jdaħħal f'xi parti tal-konfini ta' ħabs xi oġġett, jkun li jkun, li hu pprojbit skond xi regolamenti magħmula skond dan l-Att, jew ġarr jew ipprova jġorr xi oġġett bħal dawk barra minn xi ħabs;

iii) Akkużat ukoll talli rrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien ġie misjub ħati b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-15 ta' Diċembru 2021, fejn il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 33A u 49 tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputat Joseph Grech mhux ħati tat-tieni mputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, kif ukoll ta' dik il-parti tat-tielet imputazzjoni li tirreferi għar-reċediva ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali u illiberatu minnhom, filwaqt illi sabitu ħati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet, b'dan illi fir-rigward ta' din l-aħħar imputazzjoni, sabet lill-imputat ħati biss ai termini tal-Artikolu 49 u mhux tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, u kkundanatu għall-piena ta' tlett xhur priġunerija effettiva. In oltre, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti kkundanat lill-ħati jħallas l-ispejjez konnessi mal-ħatra tal-esperti maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta ossia s-somma ta' €185.79 in konnessjoni mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut u s-somma ta' €22.70 in konnessjoni mar-relazzjoni ta' PC 1261 Charles Pace, b'kollox ammontanti għas-somma komplessiva ta' €208.49, liema somma għandha titħallas mill-ħati fi zmien tlett xhur mil-lum. B'dan illi kemm il-darba huwa jonqos milli jħallas dan l-ammont fiz-zmien lilu preskritt, kwalunkwe bilanċ jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi. Finalment, il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tal-oġġetti formanti parti mill-proċess verbal esebit fl-atti ta' dawn il-proċeduri u mmarkat Dok. JM, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn ħmistax -il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant, ipprezentat fit-22 ta' Diċembru 2021, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:

i) Fid-dawl tal-ewwel tlett aggravji, ossia l-aggravji 'A', 'B' u 'C', tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti ma sabitx lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni u ta' dik il-parti tat-tielet imputazzjoni li tirreferi għar-reċediva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li tħassarha u tirrevokaha in kwantu sabet lill-istess appellant ħati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u b'hekk tilliberah minnhom, jew
ii) B'mod sussidjarju u strettament mingħajr preġudizzju għat-talba preċedenti ossia għat-talba '1' u korrispondenti aggravji 'A', 'B' u 'C', tvarja l-piena erogata b'piena aktar ekwa u ġusta dana fid-dawl tal-aggravju 'D'.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant Joseph Grech.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2022, Dr Azzopardi għall-appellant, irtira t-tieni aggravju mressaq minnu.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju minnu ntentat, l-appellant iqanqal il-preġudizzjali dwar in-nullita' tal-*proces verbal* imħejji mill-Maġistrat Inkwirenti fl-inkjesta dwar l-*in genere* u dan għaliex jilmenta illi l-aċċess fuq il-post tad-delitt ma sarx mill-Inkwirenti kif obbligat jagħmel bil-liġi. Huwa jippreċiza li l-Maġistrat Inkwirenti kellu l-obbligu li jzomm aċċess fuq il-post tad-delitt u li jistabbilixxi l-fatti rilevanti hu stess, ħaġa li ma saritx. Huwa jisħaq li n-nomina mill-Maġistrat Inkwirenti tal-iSpettur Jurgen Vella sabiex "*izomm aċċess minnufih u jistabbilixxi l-fatti rilevanti u jirrelata bil-miktub fi zmien tletin jum*" kienet waħda li tmur kontra d-dettami tal-Kodiċi Kriminali u li għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tiddikjara li dak kollu li rriżulta mill-atti tal-inkjesta, inkluż ir-

rapporti tal-esperti maħtura u d-dokumenti elevati, huwa legalment monki, difettużi u inammissibbli.

Illi l-Kodiċi Kriminali jirregola l-proċedura dwar l-*in genere* fl-Artikoli 546 *et sequitur*, liema disposizzjonijiet tal-liġi jistabbilixxu illi jrid isir l-istħarriġ dwar l-*in genere* kull meta jsir rapport, denunzja jew kwerela dwar reat li jġorr piena ta' 'il fuq minn tlett snin priġunerija. Il-Maġistrat Inkwirenti għandu is-setgħa li jinvestiga billi jara li tiġi mqiegħda fiż-żgur ix-xena tad-delitt u li tiġi ppreservata l-evidenza billi fost oħrajn jinħatru esperti forensiċi sabiex jinġabru dawk il-provi diretti jew indiretti jew indizzji rilevanti marbuta mal-*in genere* għal kxif tal-verita. Wara dan il-Maġistrat ikun jista' jasal biex jistabbilixxi jekk fuq bażi *prima facie* din l-evidenza hekk ippreservata tkunx tista' twassal għal prosekuzzjoni ta' xi reat *in specie* u jekk minn dan l-istħarriġ tistax tirriżulta xi persuna jew persuni li kontra tagħha/hom tista' tiġi varata l-azzjoni penali. Dan kollu il-Maġistrat jirrediġieh fil-*proces verbal* illi fil-Qorti imbagħad jista' jinġieb bħala prova fis-smiegħ tal-każ[1].

Issa l-appellant qed isib oġġezzjoni għal din il-prova hekk magħmula għaliex, fil-fehma tiegħu, ma kienx hemm ottemperanza bi sħiħ mal-kelma tal-liġi u senjatament dak maħsub fl-artikolu 547 tal-Kodiċi Kriminali meta l-"aċċess" ma sarx mill-Maġistrat, iżda minn spettur tal-Pulizija. Illi minn eżami tat-test ingliż tad-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jitkellmu dwar l-istħarriġ dwar l-*in genere*, tintuża il-kelma "*inquest*" li tradotta għal ilsien malti tfisser l-stħarriġ ġudizzjarju sabiex jkunu stabbilit il-fatti relatati ma' inċident. Issa dan l-istħarriġ ġudizzjarju isir, kif ingħad, kull meta l-Inkwirenti jaħtar dawk l-esperti kollha li fil-fehma tiegħu ikunu jistgħu jassistuh fl-*in genere* u minn hemm tigi mnehdija l-inkjesta u ċioe' *the inquest,* mmexxija mill-Inkwirenti. Illi l-appellant għalhekk erronjament iqies li t-terminu "aċċess" tissarraf f' "*On-site inspection*" . Fil-fatt l-artikolu 548 jkompli jiddisponi hekk:

> **Fl-aċċess għandhom jinġiebu l-periti li jinħtieġu, u ta'dan l-aċċess għandu jsir proċess verbal.**

[1] Artikolu 550 Kodiċi Kriminali

Bl-artikolu 549 ikompli:

> **Il-proċess verbal għandu jiġi iffirmat mill-maġistrat jew minn uffiċjal li jkun għamel l-aċċess.**

Illi, jiġi nnutat li l-periti maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti, bl-eċċezzjoni tal-iSpettur Vella, kienu t-tnejn li huma esperti fil-materja li fiha jispeċjalizżaw u apparti minn hekk ma kellhom l-ebda inkarigu sabiex jisimgħu x-xhieda bil-ġurament. Di fatti, PS 1261 Charles Pace sempliċiment ħa sett ritratti tal-affarijiet misjuba fiċ-ċella tal-appellant filwaqt li l-iSpizjar Godwin Sammut eżamina l-istess u kkonstata dwar il-presenza ta' xi sustanzi pprojbiti bil-liġi. Sussegwentement, ir-relazzjonijiet ta' l-istess zewġ esperti ġew inseriti fil-*proces verbal* hekk kif tirrikjedi l-liġi. Tajjeb jingħad li mill-verbal tas-seduta datat 24 ta' Marzu 2014, jirriżulta li d-difiza stess eżentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq lil dawn iz-zewġ esperti sabiex *"jikkonfermaw ir-relazzjonijiet tagħhom esebiti fil-proċess verbal Dok. JM"*.

Fuq kollox s-sub-artikolu (5) ta' l-istess Artikolu 550 tal-Kodiċi Kriminali jispeċifika illi:–

> **Il-proċess verbal għandu jitqies li jkun magħmul regolarment jekk ikun fih fil-qosor ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela, lista tax-xhieda mismugħa u l-provi miġbura, u paragrafu finali li jkun fih il-konklużjonijiet tal-maġistrat inkwirenti.**

Illi dan ixejjen il-preġudizzjali sollevata mill-appellant billi in-nuqqas mill-Maġistrat Inkwirenti li jżomm aċċess, u dan skont l-interpretazzjoni mogħtija lil dan it-terminu mill-appellant, ma iġibx fix-xejn il-*proces verbal*. Illi minn eżami tal-atti tal-*proces verbal* jidher li hemm ottemperanza ma' din id-dispożizzjoni tal-liġi sabiex b'hekk in-nullita' ravviżata hija waħda infondata.

Mhux biss iżda għalkemm il-*proces verbal* regolarment magħmul jikkostitwixxi prova fih innifsu, madanakollu xejn ma jżomm lil Qorti milli tisma' l-periti u x-xhieda li jkunu nstemgħu matul l-inkjesta:

> **"Il-qorti għandha wkoll is-setgħa li tordna, għall-istess effett, li jinġieb kull wieħed mill-periti jew mix-xhieda l-oħra li mill-proċess verbal ikun**

> **jidher li ġie mismugħ fl-aċċess; u, għaldaqshekk, dan il-perit jew xhud għandu, fil-każijiet kollha ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, jiġi mdaħħal fil-lista tax-xhieda tal-Avukat Ġenerali, sabiex jiġi mismugħ, jekk ikun hemm bżonn."**

Illi l-Qorti tinnota finalment illi matul il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, għalkemm tqajmu diversi lanjanzi minn naħa tad-difiza, madanakollu l-ebda lment ma tressaq dwar l-ammissibbilita' tal-*proces verbal* bħala prova in atti. Tant qatt ma tqajmet li, kif intqal aktar 'il fuq, l-istess difiza eżentat lill-periti maħtura fl-inkjesta milli jitilgħu jixhdu quddiem l-Ewwel Qorti. Dina l-eżenzjoni kienet tfisser li l-appellant, imputat f'dawk il-proċeduri, ma kienx qiegħed jikkontesta l-ammissibbilita' ta' l-istess prova. Huwa odjuż li tali lanjanza titqajjem imbagħad fl-istadju ta' revizjoni, meta issa l-Qorti għandha idejha marbuta bl-irregolarita' lanjata ma tistax tiġi issanata u lanqas ma jistgħu jitressqu biex jixhdu l-esperti maħtura fl-inkjesta, iktar u iktar wara li d-difiża eżentata lil Prosekuzzjoni milli tagħmel din il-prova.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, it-tieni aggravju mressaq mill-appellant, u ċioe dak li jirrigwarda n-nuqqas ta' akkreditar tal-laboratorju li ġewwa fih saret l-analizi tad-droga, ġie minnu rtirat nhar l-1 ta' Lulju 2022, u għalhekk l-Qorti mhux se tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess.

Illi, t-tielet aggravju mressaq mill-appellant jirrigwarda l-elevar tad-dokument mertu tal-kaz odjern u r-regola ta' 'l hekk imsejħa *chain of evidence*. L-appellant jilmenta li hemm dubji serji dwar jekk kienx hemm ksur fil-katina tal-evidenza marbuta mad-dokument li jifforma il-mertu ta' dawn il-proċeduri u konsegwentement dwar il-valur probatorju tar-relazzjonijiet magħmula mill-esperti forensiċi.

Illi minn eżami tal-*evidence bag* konsistenti f'borza tal-*plastic* inserita fl-atti tal-inkjesta, għalkemm jirriżulta illi dan huwa nieqes mid-dettal u ma hemm l-ebda formoli uffiċjali oħra li jevidenzjaw it-traġitt tad-dokumenti in kwistjoni, madanakollu mix-xhieda tal-persuni li minn taħt idejhom għadda id-dokument ma jidhirx illi kien hemm ksur fil-katina tal-evidenza kif allegat. Jirriżulta minn din l-evidenza u anke

mid-dettalji miktuba fuq *envelope* kannella li ġewwa fih il-gwardjani tal-ħabs għalqu w issiġġilaw l-eżebit, illi s-sejbien tal-*foil* u parafernalja oħra seħħet fit-28 ta' Marzu 2012 ġewwa ċ-ċella numru 90, f'Division 2 tal-Ħabs, f'16:20hrs, f'liema ċella kien hemm jirrisjedi l-appellant li kien mijsub *in flagrante* jaħraq l-erojina fuq biċċa *foil*. Din is-sejba saret minn PC1555 George Casha, flimkien ma' CO165, li minnufih infurmaw lill-Pulizija Ezekuttiva, li f'dan il-kaz kienu l-iSpetturi Jurgen Vella u Spiridione Zammit. Minn naħa tagħhom l-iSpetturi bagħtu lil PS100 Terence Azzopardi sabiex jeleva dak li nstab ġewwa ċ-ċella in kwistjoni u jirritorna bl-istess ġewwa l-uffiċċju tagħhom fl-Għassa tal-Pulizija tal-Fgura. Jidher imbagħad li d-dokumenti in kwistjoni ġew iffotografati propju ġewwa l-Għassa tal-Fgura fil-presenza tal-appellant, minn PS1261 Charles Pace (Dokument CP) u sussegwentement fid-29 ta' Marzu 2012, l-Ispettur Vella għadda d-dokument lill-iSpizjar Godwin Sammut għall-analizi tiegħu. Wara dan minn taħt idejn l-espert d-dokument għadda f'idejn l-Inkwirenti meta l-espert xehed quddiemha u ppreżenta r-relazzjoni tiegħu Dokument GS, liema eżebit u relazzjoni jinsabu fil-*proces verbal* Dokument JM. Minn dawn ir-riżultanzi proċesswali għalhekk ma jidhirx illi kien hemm ksur fil-katina tal-evidenza u għaldaqstant dan l-aggravju ukoll ma jistħoqqlux akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, u ċioe dik ta' tlett xhur priġunerija, fejn l-appellant jilmenta li din hija ferm eċċessiva tenut kont iċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".[2]

[2] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

Illi, minn eżami akkurat tas-sentenza impunjata, jirriżulta illi l-piena imposta fuq l-appellant kienet waħda legalment u raġonevolment valida, mhux eċċessiva anzi tqarreb pjuttost lejn il-minimu tal-parametri detatti mill-Liġi u għalhekk ma teżisti l-ebda raġuni 'il għaliex l-istess għandha tiġi varjata. Dan iwassal sabiex anka dan l-aħħar aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**(ft) Imhallef**

**Vera Kopja**

**Joyce Agius**
**Deputat Registratur**